MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 313/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Jannar 2003 u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild, R, li llum ghandha disgha snin;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dr Sandra Valentino mill-10 ta' Awissu 2005 (Dok RA 1);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas manteniment ghal bintu minuri kif gej :

Ghaxar liri Maltin fil-gimgha li wara hames snin minn meta gie ffirmat dan il-kuntratt, kellu joghla ghal hmistax il-lira Maltin, kif qieghed ihallas prezentement;

Illi huwa qatt ma falla milli jhallas tali manteniment kif ukoll qatt ma falla milli jonora l-obbligi tieghu bhala missier;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx ir-risposta taghha u lanqas dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Awissu 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi huwa dejjem hallas il-manteniment skond kif ftehmu il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------